A.L. 91 ta' l-1991

ATT TA' L-1988 DWAR L-EDUKAZZJONI (ATT NRU. XXIV TA' L-1988)

Regolamenti li jemendaw ir-Regolamenti għad-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 28 u 29 ta' l-Att ta' l-1988 dwar l-Edukazzjoni, il-Pro-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmulin mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 29 u 33 ta' dak l-Att.

Titolu fil-Qosor

Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu Emenda Nru. 1 għar-Regolamenti għad-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni (A.L. 160 ta' l-1990):

REGOLAMENTI LI JEMENDAW IR-REGOLAMENTI GĦAD-DIPLOMA FL-AMMINISTRAZZJONI U FIT-TMEXXIJA TA' L-EDUKAZZJONI

Emenda Nru. 1

Ir-Regolamenti għad-Diploma fl-Amministrazzjoni u fit-Tmexxija ta' l-Edukazzjoni, ippubblikati fl-Avviż Legali Nru. 160 ta' l-1990 (li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti ewlenin") huma emendati kif ġej:

1. Fit-"Titlu fil-Qosor" u fir-ras bejn parentesi minnufih qabel ir-regolament 1 ("1. **Id-Dħul")** tar-regolamenti ewlenin kull fejn jidhru l-kliem "biss għall-kors li beda fl-1987" dawn jitħassru u minflokhom jidħlu l-kliem "għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara".

2. Ir-regolament 6.1 tar-regolamenti ewlenin jitħassar u minfloku jidħol dan li ġej:

"6.1 Dawn ir-regolamenti jgħoddu għal korsijiet mibdija fl-1987 jew wara·"